MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 50/2005

**Tony Zarb (136354M)**

**vs**

**Karl Stagno- Navarra**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fit-28 ta' Jannar 2005 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut ighid il-ghaliex m'ghandux, prevja d-dikjarazzjoni illi bhala Editur tal-*portal* "maltarightnow.com" huwa responsabbli ta' malafama u libell fil-konfront tal-attur wara pubblikazzjoni fuq l-istess *portal* fis-26 ta' Jannar 2005 ta' artikolu intestat "KOMPETITTIVITA': *Tony Zarb jikkomprometti n-negozjati. Imur fuq 'Super 1 TV' u jheggeg appogg ghall-MLP. Il-unions urtati 'lesti nkomplu bla GWU'"* u Editorjal intestat *"Ir-ragun u l-ghazla tal-GWU"* (Kopji annessi u mmarkati bhala Dok TZ1 u TZ2), stante li siltiet mill-istess pubblikazzjonijiet kienu malafamanti, libelluzi u jirrapprezentaw fatti inveritieri u ghalhekk intizi sabiex

itellfu  jew inaqqsu r-reputazzjoni ta’ l-istess attur, kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; jkun ikkundannat li jhallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti  ai termini ta’ l-artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni. Ghall-finijiet ta’ kompetenza jigi dikjarat  li l-ammont pretiz ma jeccedix is-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi l-pubblikazzjoni mhix libelluza billi tammonta ghall-‘fair comment’ dwar fatti sostanzjalment korretti kif l-eccipjenti ntitolat jaghmel skond il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea u kif dikjarati legittimi mill-gurisprudenza nostrana  (Ara ‘Angelo Fenech vs Carmel Callus et’, Appell, Deciz 4.2.1994 – b’fatti prattikament identici – u ‘Mons Anton Gauci vs Michael Sciavone et’, Appell, Deciz 8.11.1995).

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija konsegwenza ta’ artikolu li deher fil-*portal ‘maltarightnow.com’* fis-26 ta’ Jannar 2005 fejn l-attur Tony Zarb hassu ngurjat peress illi l-korrispondent, li allura rrizulta li kien il-konvenut odjern, kien qal li d-diskussjonijiet tal-patt socjali kienu sfrattaw tort ta’ l-attur kif ukoll li kien heggeg in-nies sabiex johorgu jattendu ghal protesta nazzjonali illi kienet ser tigi organizzata mill-MLP xi granet wara.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li huwa minnu illi f'Jannar 2005 kienu qeghdin isiru diskussjonijiet dwar patt socjali gdid. F'dawn id-diskussjonijiet kienu qed jiehdu parti l-unions kollha kif ukoll il-Gvern u ghal *General Workers Union* kien qed jidher l-attur Tony Zarb. Ikkonferma li kien sar ftehim li sakemm id-diskussjonijiet ikunu ghadhom ghaddejjin, il-membri ma jmorrux quddiem il-media pero', jkompli jghid, li d-diskussjonijiet waslu fi stat fejn kien fl-interess taghhom u cioe' tal-*General Workers Union* illi jmorru fil-pubbliku. Informa lill-kumplament tal-membri li kienu qeghdin jiddiskutu l-patt illi kien ser imur quddiem il-media. Ma ppretenda l-ebda kumment minn nahha tal-membri l-ohra. Irrizulta illi l-attur kien partecipi fi programm ta' diskussjoni bl-isem ta' *"Target"* flimkien mad-Deputat Kap tal-Partit Laburista n-Nutar Charles Mangion. F'dan il-programm l-attur ta hjiel x'kien qed jigi diskuss waqt il-laqghat ghal patt socjali gdid, waqt illi n-Nutar Charles Mangion beda jiddiskuti l-protesta nazzjonali li kienet ser issir fil-vicin. Jidher li ghal din id-diskussjoni kien hemm biss dawn iz-zewg persuni u cioe' n-Nutar Charles Mangion u s-Sur Zarb. Dan ta' l-ahhar a fol 20 ighid *"waqt l-intervista li saret fuq l-istazzjon Super One kien hemm prezenti Charles Mangion u dan, bhala rapprezentant tal-Malta Labour Party, ghamel prominenza u tkellem dwar il-protesta li l-partit kien ser jorganizza l-Hadd ta' wara."* Irrizulta li l-attur u ufficjali gholja tal-General Workers Union attendew ghal din il-protesta nazzjonali u qaghdu ezatt wara d-dirigenti tal-*Malta Labour Party*.

Gejtu Vella li huwa Segretarju tal-Union Haddiema Maghqudin a fol 24 ikkonferma illi kulhadd kien qabel li jzommu l-kunfidenzjalita' waqt id-diskussjonijiet, izda huwa gie nfurmat mill-attur li fi kwalunkwe kaz kien ser jidher fuq il-media u jaghti x'jifhem x'kien qed isir waqt id-diskussjonijiet. Is-Sur Vella jghid li dana sar u l-ghada l-gazzetti kienu kollha spekolazzjonijiet. Fl-ahhar mill-ahhar il-patt socjali ma giex iffirmat u l-gvern ha l-mizuri li deherlu li kellu jiehu f'dawk ic-cirkostanzi.

Il-konvenut a fol 33 filwaqt li assuma r-responsabbilta' ta' l-artikolu, kemm bhala artikolist, kif ukoll bhala editur semma li kien jaf b'dawn id-diskussjonijiet li kienu qeghdin

isiru dwar patt socjali gdid. Kien jaf ukoll li l-membri kollha kienu qablu dwar dan il-patt minbarra l-*General Workers Union*. Ighid li huwa ra l-programm *"Target"* fuq is-*Super One* li kellha bhala tema principali l-protesta nazzjonali organizzata mill-*Malta Labour Party*. Kompla jghid li (fol 34) *"ghalhekk dak li ktibt ridt jinqara fl-isfond ta' opinjoni illi jiena tajt dwar dawk il-fatti li kienu qeghdin jirrizultaw quddiemi. Fis-sens li kien hemm dawn il-laqghat li kienu qeghdin jigu patrocinati mill-imsiehba socjali kollha inkluz il-General Workers Union. Kulhadd ftiehem, barra biss il-General Workers Union kienu ddecidew ukoll li jzommu l-iskiet ta' l-istampa li sussegwentement gie miksur ukoll mill- General Workers Union*." Il-konvenut ikompli jghid li huwa ra l-programm in kwistjoni *"fejn dakinhar is-Sur Zarb ta appogg u kien hemm indikazzjonijiet cari li l-General Workers Union kienet ser tippartecipa f'dan il-protest, kif fil-fatt sar."* L-attur filwaqt li jikkonferma l-partecipazzjoni tieghu ghal din il-protesta nazzjonali qal biss li huwa u l-ufficjali l-ohra tal-*General Workers Union* attendew fuq bazi personali u mhux bhala union.

Ikkunsidrat:

Minn dan jirrizulta quindi illi bhala fatt, veru li kienu qed isiru diskussjonijiet dwar patt socjali gdid. Veru wkoll illi kien gie miftiehem bejn kulhadd li sakemm dawk id-diskussjonijiet ikunu ghadhom ghaddejjin hadd mill-membri ma jmur quddiem il-media. Irrizulta wkoll illi l-attur ghan-nom tal- *General Workers Union* deherlu li kien fl-interess tal-union tieghu illi jikser dan l-arrangament u jmur quddiem il-media. Dana ghamlu u deher fuq programm tas-Super One, proprjeta' tal-*Malta Labour Party* flimkien man-Nutar Charles Mangion Deputat Kap tal-Partit Laburista sabiex jiddiskutu protesta nazzjonali illi kienet ser issir fil-vicin organizzata mill-Malta Labour Party. Huwa fatt ukoll illi waqt dan il-programm iz-zewg partecipanti taw appogg lill-veduti ta' xulxin u kien hawnhekk illi l-attur ta xi nformazzjoni jew xi hjiel dwar dak li kien qed jigi diskuss bejn il-membri ghall-patt socjali gdid.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti fuq elenkati huma ripurtati fl-artikolu li kiteb il-konvenut u zied il-kummenti li deherlu li kellu jaghmel bhala konsegwenza ta' dawn il-fatti kif deheru quddiemu dakinhar. Hawnhekk il-Qorti ma tara xejn hazin u l-konvenut kien konformi kemm ma' l-etika gurnalistika, kif ukoll mal-gurisprudenza stabbilita' dwar *fair comment.* M'hemmx dubbju illi l-attur bhala segretarju generali ta' wahda mill-unions ewlenin tal-pajjiz huwa persuna pubblika u bhala tali kellu jissaporti kritika f'livell ferm aktar gholi minn dak ta' persuna privata.

Il-Qorti taghmel referenza ghal decizzjoni moghtija mill-*European Court of Human Rights* fl-ismijiet Lombardo and others vs Malta deciza fl-24 ta' April 2007 fejn qalet fost affarijiet ohra (para 54) *"The plaintiff in the defamation action was the Fgura Local Council. The Court recalls that the limits of acceptable criticism are wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lay themselves open to close scrutiny of their words and deeds by journalists and the public at large, and they must consequently display a greater degree of tolerance (see* Lingens vs. Austria*, judgment of 8th July 1986,* Incal v. Turkey*, judgment of 9th June 1998."* Il-Qorti tkompli tghid *(para 60) "The Court would in any event observe that the distinction between statements of fact and value judgments is of less significance in a case such as the present, where the impugned statement is made in the course of a lively political debate at local level and where elected officials and journalists should enjoy a wide freedom to criticise the actions of a local authority, even where the statements made may lack a clear basis in fact".*

F'dan il-kaz ma hemmx dubbju illi fiz-zmien illi gie ppubblikat l-artikolu kien hemm *"a lively political debate at local level"* u dan id-debate gie mqanqal specifikament mill-attur meta dana deherlu illi ghall-interessi tal-union tieghu, kellu jinjora ftehim illi kien diga' ghamel mal-unions l-ohra u jmur fil-pubbliku minghajr l-awtorizzazzjoni ta' l-ohrajn. Dan ikompli jsahhu meta deher fil-prezenza ta'

Deputat Kap tal-Partit Laburista biex jiddiskuti protesta nazzjonali ta’ natura politika illi kienet ser tigi organizzata ftit granet wara. Ghalhekk f’dan il-kaz il-konvenut kellu dritt illi jgawdi *“a wide freedom to criticize”* anke jekk forsi dak li qal *“may lack a clear basis in fact.”* Apparti l-fatt li ma rrizultax kelma b’kelma dak illi qal l-attur waqt dik ix-xandira, jibqa’ l-fatt illi l-prezenza tieghu f’dak il-programm, f’dak l-ambjent, f’dawk ic-cirkostanzi kien qieghed jesponi lilu u lil *General Workers Union* ghall-kummenti tipici illi filfatt ghamel il-konvenut fl-artikolu tieghu.

Dina ma kienetx l-ewwel darba li l-Qorti kienet iddecidiet li kumment jista’ jkun *fair comment* anke jekk ikun pregudikat jew mhux korrett (ara Dr Eddie Fenech Adami vs Dr Alfred Sant 19 ta’ Mejju 2003). Izda f’dan il-kaz minkejja c-cahda ta’ l-attur li ma kienx minnu illi huwa heggeg lis-semmiegha sabiex jattendu ghal protesta nazzjonali, l-fatt biss li kien qieghed prezenti f’programm bhal dak fejn dik il-protesta kienet qed tigi diskussa, kien jesponieh ghall-kumment li ghamel il-konvenut li kellu kull dritt allura jaghmel. Dana gie vindikat aktar ‘l quddiem meta rrizulta illi l-attur u ufficjali ohra tal-*General Workers Union* attendew ghal din il-protesta nazzjonali.

Huwa inutili illi l-attur ighid li huwa attenda fuq bazi personali. Il-fatt li huwa kien qieghed ezatt fuq quddiem tad-dirigenti tal-Malta Labour Party ikompli juri l-appogg illi l-union tat lill-protesta nazzjonali. Dana kellha kull dritt taghmlu pero’ min nahha l-ohra ma kellha l-ebda dritt li zzomm xi gurnalist li jaghmel il-kummenti tieghu dwar il-partecipazzjoni ta’ l-attur f’din il-protesta.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti jidhrilha illi l-kummenti illi ghamel il-konvenut fl-artikolu imsemmi, jistghu jitqiesu bhala *fair comment.*

Ghal dawn il-motivi,

Taqta’ u tiddeciedi illi tichad it-talba ta’ l-attur, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------